MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Manuel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Manuel Spiteri talli fl-14 ta' April 1999 ghal habta tat-8.40am fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria (Ghawdex) saq xarabank FBY-017

**(1)** b'manjiera traskurata,
**(2)** perikoluza,
**(3)** kif ukoll talli naqas li jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega u jieqaf meta kien qed javvicina lejn "Pedestrian Crossing" meta din kienet qed tigi wzata mill-pubbliku, u aktar

**(4)** talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, laqat u tajjar lill Maria Vassallo u nvolontarjament kkagunalha griehi ta' natura gravi skond kif ccertifika Dr Anthony Galea Debono u skond ma ccertifika Dr Julian Portelli MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.
L-ewwel qorti kienet mitluba li, barra l-piena stabbilita, Spiteri jigi sospiz mill-licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Mejju 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Manuel Spiteri hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm 100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Manuel Spiteri, minnu ppresentat fil-31 ta' Mejju 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jghid hekk:

***L-appellant ma kellu l-ebda responsabbilta` ghall-incident stante li kienet Vassallo li qasmet iz-*zebra crossing *bla ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji kif ukoll peress illi l-appellant kien wieqaf bil-vettura tieghu meta Vassallo habtet maghha.***

Wara ezami akkurat tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandha b'ebda mod tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar ir-responsabbilta` ta' l-appellant. L-iskizz ezibit jitkellem wahdu: flok ma l-appellant waqaf <u>ma'</u> l-istrixxi pedonali huwa waqaf <u>fuqhom</u>, jigifieri wara li bil-quddiem tal-vettura li kien qed isuq invada ftit aktar minn nofs il-wisa' ta' l-istess strixxi. Mhux eskluz li Vassallo qasmet b'pass mghaggel, u li kienet qed thares ukoll fid-direzzjoni opposta ghal dik li minnha kien gej l-appellant; pero` sewwieq li jibda joqrob strixxi pedonali (specjalment dawk uzati hafna bhalma huma dawk involuti f'dan l-incident) ghandu mhux biss jirrallenta izda ghandu wkoll izomm *"a proper lookout"* biex jara jekk hemmx xi nies fuq

il-bankini fil-gnub li qed jindikaw li ser jaqsmu jew li diga bdew jaqsmu, u dan sabiex huwa jkun pront jieqaf ma' l-istrixxi minghajr b'ebda mod ma jinvadihom. L-appellant ma jistax jilmenta li b'xi mod il-vizwali tieghu ta' minn fejn kienet gejja Vassallo kienet ostakolata b'vetturi parkeggjati: mill-iskizz jidher li kien hemm distanza sew bejn ix-xarabank jew *coach* misjuqa mill-appellant u dawn il-vetturi u, fi kwalunkwe kaz, mill-posizzjoni pjuttost elevata ta' sewwieq ta' dan it-tip ta' vettura, aktar u aktar seta', kieku zamm *"a proper lookout"* jara lil Vassallo fi zmien utili.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi hu ma kellux jinstab hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq Vassallo stante li meta din giet ezaminata mit-tabib fl-Isptar Generali ta' Ghawdex dan *"…xehed li hija kellha biss ferita hafifa".* Dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Apparti li c-certifikat rilaxxjat mit-Tabib Julian Portelli kien redatta f'termini kawti hafna[1], ma hemmx dubbju, kemm mid-deposizzjoni tal-konsulent Dr Anthony Galea Debono kif ukoll minn dik ta' l-istess Maria Vassallo, li s-sintomi konfacjenti ma' *post concussional syndrome* kienu r-risultat dirett tat-tisbita ma' l-art li l-imsemmija Vassallo hadet kif intlaqtet kemm kemm mix-xarabank ta' l-appellant. Dawn is-sintomi jindikaw marda fit-termini tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 216 (kif inkorporat fl-Artikolu 226(1)(b)) tal-Kodici Krminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] "…At this point of examination Mrs. Vassallo seems to have suffered slight injury but will be admitted to ward for any pending complications" – Dokument a fol. 9.